**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Joseph Gauci

vs

Noel Bonello - AJ Turnkey Projects

CCT G6/16/MS

1 ta' Novembru 2019

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent upprezentat fit-12 ta' April 2016 fejn talab ir-rifuzjoni ta' elf Euro (€1,000) konsegwenza ta' xoghol ta' kisi bis-siment, liema xoghol ma sarx skond l-arti u s-sengha, inkluzi spejjes u danni morali.

Ra r-riposta tal-intimat ipprezentat fis-27 ta' Mejju 2016 fejn cahad it-talba tar-rikorrent bhala infondata fil-fatt u fid-dritt kif ukoll illi l-ammont mitlub hu ezorbitanti ghall-ahhar u fi kwalunkwe kaz ma kienx hemm lok ghal danni morali.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-process, inkluza n-nota tal-osservazzjonijiet ipprezentata mill-intimat.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi illi f'Ottubru 2015 ir-rikorrent avvicina lill-intimat biex dan jippreparalu stima ghal xoghol ta' kisi bir-ramel u bis-siment fuq xi kmamar ta' dar illi r-rikorrent kien qed jibni. Intalab ukoll stima ghal *membrane* fuq il-bejt. Din l-istima, li jgib in-numru 0471, tlahhaq ic-cifra ta' €3,920. Saret kwotazzjoni ohra f'Jannar 2016 bin-numru 0600 fejn ic-cifra tinqara €3,780. Dina giet accetata mir-rikorrent u thallsu elfejn Euro kontanti kif ukoll elf Euro fid-9 ta' Frar tat-2016, fejn allura l-intimat kien ghad fadallu jaghti bilanc ta' €780.00 - pero' jidher li l-partijiet qablu fuq bilanc ta' €700.00 (ara invoice 0600).

Il-partijiet jaqblu li x-xoghol ma kienx lest: l-intimat ighid illi kien bdieh pero' ma spiccahx u tax-xoghol li ghamel ippretenda tlett mitt Euro mill-ammont miftiehiem ta' seba mitt Euro fuq imsemmija. Ir-rikorrent, pero' ma accetax din l-offerta u mhux talli ma riedx ihallsu it-tlett mitt Euro, talli ippretenda elf Euro konsistenti fil-qlugh tax-xoghol ezistenti u xoghol rimedijali u l-ispejjes tar-rapport tal-perit.

Fil-kors ta' dawn il-proceduri, r-rikorrent esebixxa rapporti tal-perit Joseph Attard - wiehed fit-28 ta' Gunju 2016 u iehor ipprezentat u mahluf fit-2 ta' Lulju 2018. Skond dan ir-rapport, il-perit seta' jikkonstata is-segwenti:

*a. The external plastering is showing a 'crocodiling' effect in various area.*
*b. When manually brushed, the external plastering is dusting away.*
*c. No proper formation of corners has been carried out - as a matter of fact corner edges have a circular finish.*
*d. Poor detailing could be noted at corners and next to electricity supply ceiling roses, with areas not even plastered.*

Ikkonstata wkoll *'poor quality material and poor workmanship.'*
Ikkonkluda allura li biex jinqala' x-xoghol hazin li kien hemm u jerga' jsir mill-gdid tigi tiswa spiza ta' €792.01.
Skond ir-rikorrent, ghal dawn ir-rapport hallas €141.60.

Ikkunsidra

Illi jibda biex jinghad li l-intimat ma kontestax ir-rapport tal-perit Joseph Attard hlief ghal xi kummenti fl-ahhar fin-nota tal-osservazjonijiet tieghu. Veru illi saru xi domandi lill-perit Attard u gie prezentat ukoll nota mill-perit Emanuel Vella prodott mill-intimat, fejn il-perit semma xi kwoti ghal xoghol ta' tikhil. Din in-nota mhijiex konfermata bil-gurament u lanqas ma deher il-perit biex jikkonferma din in-nota. Ghalhekk, it-Tribunal jidhirlu illi ghandu joqghod fuq ic-cifra ta' €792.01 kalkulata mill-perit Attard, bhala spiza tal-qlugh u xoghol mill-gdid ta' dak illi ghad fadal mix-xoghol originarjament kontrattat mal-konvenut.

F'sitwazzjoni bhal din kwindi, it-Tribunal jidhirlu li ghandu jsolvi din il-problema billi igieghel lill-intimat li jhallas ghal qlugh tax-xoghol hazin illi sar minnu, inkluz l-ispejjez tar-rapport tal-perit (€314.47 + €141.60).
Inoltre, peress illi l-intimat kien lest li jaccetta tlett mitt Euro ghas-saldu ta' kull pretensjoni illi kellu, it-Tribunal jifhem li l-bilanc ta' erba mitt Euro irrid imur ghal xoghol gdid. Skond ir-rapport tal-perit dan ix-xoghol gdid huwa deskritt bhala reapplication works bil-valur ta' 419.29 kif ukoll 58.25 materjal li flimkien jammontaw €477.54 - pero' minn din ic-cifra irrid jitnaqqas l-ammont ta' erba mitt Euro li l-intimat kien lest li jcedi. Jibqa' ghalhekk bilanc ta' €77.54 li maghhom trid tizdied l-ammonti ta' €314.47 u 141.60 - ekwivalenti ghal

€533.61. Inoltre, peress illi kien hemm talba ghal danni morali, it-Tribunal jhoss li fic-cirkostanzi xi ammont zghir ta' kumpens huwa dovut u ghalhekk jidhirlu li l-ammont finali ghandu jinqara sitt mitt Euro.

It-Tribunal ghalhekk jiddispondi minn din il-vertenza billi jilqa' parzjalment it-talba tar-rikorrent u jikundanna lill-intimat lli jhallsu l-ammont ta' €600.00, kif fuq indikat.

Bl-ispejjes kontra l-intimat.

Avv. Michela Spiteri
Arbitru